MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1977/2002

***Olivia Sant'Angelo ghan-nom ta' 'Swedee-swedendesign'***

***vs***

***Ariel Group Ltd***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici nomine s-somma ta' elf erba' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1473.75c) rappresentanti hlas dovut ghax-xoghol ta' disinn ta' *website* u *sample billboard*, *IT u business consultancy, updating u editing* ordnati u accettati mis-socjeta' konvenuta skond fatturi annessi ma' l-avviz datati 15 ta' Gunju 2002 (Dok.A), 30 ta' Gunju 2002 (Dok.B), 15 ta' Lulju 2002 (Dok.C.) u 15 ta' Lulju 2002 (Dok.D.).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali, baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' John Sultana ghan-nom ta' l-attrici nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti ma' l-avviz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici nomine s-somma ta' elf erba' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1473.75),bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

---------------------------------TMIEM---------------------------------